Nru./No. 19,044
Prezz/Price
€2.88

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2013
Friday, 8th March, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3469 - 3479
Government Notices ..... *3469 - 3479*

Avviżi tal-Pulizija ..... 3479 - 3481
Police Notices ..... *3479 - 3481*

Avviżi lill-Baħħara 3482
Notices to Mariners *3482*

Avviżi tal-Gvern ..... 3483 - 3490
Notices ..... *3483 - 3490*

Offerti ..... 3491 - 3527
Tenders ..... *3491 - 3527*

Avviżi tal-Qorti ..... 3527 - 3528
Court Notices ..... *3527 - 3528*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 183

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29(1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika (Kap. 251), il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza l-promozzjoni fi ħdan l-Ordni minn *Donat of Devotion* għal Magistral Knight lis-Sur Tonio Casapinta, is-Sur Christopher Cassar Torreggiani u Dott. Kevin Dingli, LL.D., minn *Donata of Devotion* għal *Magistral Dame* lis-Sinjura Josephine Farrugia Randon née Falzon; id-Dekorazzjoni *Grand Cross pro merito melitensi* lis-Sinjura Helen Farrugia Randon née Tabone, l-għotja tad-dekorazzjonijiet *Cross of Commander with Swords pro merito melitensi* lil Maġġur Raymond Miller, *Cross with Crown pro merito melitensi* lis-Sinjura Vivien Cassar de Sain u lis-Sinjura Mary Ann Pace née Grima, *Cross pro merito melitensi* lil Dott. Victor Calvagna M.D., is-Sur Ronnie Micallef, is-Sur Chris Paris u lil Ms Joanna Pisani, *Medaglia di Benemeranza per Il Pellegrinaggio di Lourdes* lis-Sur Kenneth Paris, Ms Paula Pace, Ms Maria Melita Galea, Ms Rachel Barthet, is-Sur Clement de Piro of Budach, is-Sur John Mary Spiteri, is-Sinjura Juanita Demajo, is-Sur Alan Paris, Ms Miriam Kerr, is-Sinjura Nathalie Galea, is-Sur Mark Pace, is-Sur Michael Ellul Sullivan u s-Sinjura Marian Galea tal-Ordni Militari Sovran ta' Malta.

It-2 ta' Frar, 2013
OPM/575/62/X

Nru. 184

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja tal-Kummissjoni fir-*rank* ta' *Second Lieutenant* fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) lil dawn imsemmija hawn taħt b'seħħ mid-data li tinstab ħdejn isimhom.

Uffiċjal Kadett Tabone Joseph	L-20 ta' Frar, 2013
Uffiċjal Kadett Farrugia Adriano	L-20 ta' Frar, 2013
Uffiċjal Kadett Attard Simon	L-20 ta' Frar, 2013
Uffiċjal Kadett Vassallo Benjamin	L-20 ta' Frar, 2013
Uffiċjal Kadett Vassallo Marlon	It-28 ta' Frar, 2013

Il-5 ta' Marzu, 2013
COF/548/1965/3

GOVERNMENT NOTICES

No. 183

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, (Cap. 251), the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the promotion within the Order from Donat of Devotion to Magistral Knight upon Mr Tonio Casapinta, Mr Christopher Cassar Torreggiani and Dr Kevin Dingli, LL.D., from Donata of Devotion to Magistral Dame upon Mrs Josephine Farrugia Randon née Falzon; the Decoration Grand Cross pro merito melitensi upon Mrs Helen Farrugia Randon née Tabone, the award of decorations Cross of Commander with Swords pro merito melitensi upon Major Raymond Miller, Cross with Crown pro merito melitensi upon Mrs Vivien Cassar de Sain and Mrs Mary Ann Pace née Grima, Cross pro merito melitensi upon Dr Victor Calvagna M.D., Mr Ronnie Micallef, Mr Chris Paris and Ms Joanna Pisani, Medaglia di Benemeranza per Il Pellegrinaggio di Lourdes upon Mr Kenneth Paris, Ms Paula Pace, Ms Maria Melita Galea, Ms Rachel Barthet, Mr Clement de Piro of Budach, Mr John Mary Spiteri, Mrs Juanita Demajo, Mr Alan Paris, Ms Miriam Kerr, Mrs Nathalie Galea, Mr Mark Pace, Mr Michael Ellul Sullivan and Mrs Marian Galea of the Sovereign Military Order of Malta.

2nd February, 2013

No. 184

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the grant of a Commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) with effect from the date shown against their names.

Officer Cadet Tabone Joseph	20th February, 2013
Officer Cadet Farrugia Adriano	20th February, 2013
Officer Cadet Attard Simon	20th February, 2013
Officer Cadet Vassallo Benjamin	20th February, 2013
Officer Cadet Vassallo Marlon	28th February, 2013

5th March, 2013

Nru. 185

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRIM Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Logutenent (Uffiċjal Legali) Susann Agius għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2013.

Il-5 ta' Marzu, 2013
COF/548/1965/3

No. 185

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of Lieutenant (Legal Officer) Susann Agius to the rank of Captain with effect from 22nd February,2013.

5th March, 2013

Nru. 186

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRIM Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni ta' imsemmija hawn taħt għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinstab ħdejn isimhom.

Logutenent Nicholas Grech	Is-6 ta' Marzu, 2013
Logutenent Joseph Gatt	Is-6 ta' Marzu, 2013
Logutenent Simon Titley	Is-6 ta' Marzu, 2013
Logutenent Roderick Azzopardi	Is-6 ta' Marzu, 2013
Logutenent Matthew Camilleri	Is-6 ta' Marzu, 2013
Logutenent Sharon Bellizzi	Is-7 ta' Marzu, 2013

Il-5 ta' Marzu, 2013
COF/548/1965/3

No. 186

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the undermentioned to the rank of Captain with effect from the date shown against their names.

Lieutenant Nicholas Grech	6th March, 2013
Lieutenant Joseph Gatt	6th March, 2013
Lieutenant Simon Titley	6th March, 2013
Lieutenant Roderick Azzopardi	6th March, 2013
Lieutenant Matthew Camilleri	6th March, 2013
Lieutenant Sharon Bellizzi	7th March, 2013

5th March, 2013

Nru. 187

KUNSILL MALTI GĦALL-EKONOMIJA U ŻVILUPP SOĊJALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Ekonomija u Żvilupp Soċjali (Kap. 431), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala membru u membru sostitut tal-Kunsill Malti għall-Ekonomija u Żvilupp Soċjali sal-31 ta' Diċembru, 2013:

Membru
Is-Sur William Wait

Membru Sostitut
Is-Sur Anton Borg

It-8 ta' Marzu, 2013

No. 187

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 4 of the Malta Council for Economic and Social Development Act (Cap. 431), the Prime Minister has appointed the following as member and substitute member on the Malta Council for Economic and Social Development up to 31st December, 2013:

Member
Mr William Wait

Substitute Member
Mr Anton Borg

8th March, 2013

Nru. 188

BORD TAL-ENEMALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Enemalta (Kap. 272), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għoġbu jagħmel dawn il-ħatriet kif ġej fuq il-Bord tal-Enemalta:

Chairman
Inġ. Louis Giordimaina

Viċi Chairman
Is-Sur William Spiteri Bailey

Diretturi
Is-Sur Paul Buttigieg
Is-Sur Charles Ebejer
Is-Sinjura Vivianne Galea Pace
Is-Sur Sandro Lauri
Is-Sinjura Angelica Micallef Trigona
Is-Sinjura Pauline Millo

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-24 ta' April, 2013.

It-28 ta' Frar, 2013

No. 188

ENEMALTA BOARD

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 5 of the Enemalta Act (Cap. 272), the Minister of Finance, the Economy and Investment has made the following appointments on the Enemalta Board:

Chairman
Eng. Louis Giordimaina

Deputy Chairman
Mr William Spiteri Bailey

Directors
Mr Paul Buttigieg
Mr Charles Ebejer
Ms Vivianne Galea Pace
Mr Sandro Lauri
Ms Angelica Micallef Trigona
Ms Pauline Millo

These appointments remain valid up to the 24th April, 2013.

28th February, 2013

Nru. 189

BORD TA' SORVELJANZA FUQ L-GĦAJNUNA MOGĦTIJA MILL-ISTAT

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kullħadd Illi bis-setgħat mogħtija bl-Artikolu 57 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji (Kap. 325), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar lill-persuni li ġejjin fuq il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat:

Chairman
Is-Sur Paul Zahra, BA (Hons) Bus Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS

Viċi Chairman
Is-Sur Mark Borg, B.A. (Hons.) Pub. Admin

Membri
Is-Sur Mario Farrugia
Dott. Josette Zerafa, LL.D., MA (Sussex), Dip NP
Dott. Jesmond Schembri, LL.D., M Dip

Segretarja
Dott. Yana Haber, LL.D.

Dawn il-ħatriet huma validi sal-1 ta' Mejju, 2013.

L-24 ta' Frar, 2013

No. 189

STATE AID MONITORING BOARD

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 57 of the Business Promotion Act (Cap. 325), the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed the following persons on the State Aid Monitoring Board:

Chairman
Mr Paul Zahra, BA (Hons) Bus Mngt, MBA, ACEA, AIDPM, FIS

Deputy Chairman
Mr Mark Borg, B.A. (Hons.) Pub. Admin

Members
Mr Mario Farrugia
Dr Josette Zerafa LL.D., MA (Sussex), Dip NP
Dr Jesmond Schembri, LL.D., M Dip

Secretary
Dr Yana Haber, LL.D.

These appointments are valid up to 1st May, 2013.

24th February, 2013

Nru. 190

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

Regoli tal-2009 dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Avviż Legali Nru. 196 tal-2009)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-Regola Numru 10 tal-Avviż Legali Nru. 196 tal-2009 (SL 368.01), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar il-persuni li ġejjin fuq il-bord li se jikkunsidra talbiet għall-eżenzjoni jew tnaqqis mit-taxxa tar-reġistrazzjoni minn individwi li jkunu ttrasferew ir-residenza tagħhom f'Malta:

Chairman
Is-Sur Herald Bonnici

Membri
Is-Sur Joseph Croker
Is-Sur Paul Mifsud

Segretarja
Ms Chantelle Borg

Segretarja Sostituta
Ms Elaine Bugeja

Dawn il-ħatriet huma validi sal-31 ta' Marzu, 2013.

It-28 ta' Frar, 2013

Nru. 191

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERGA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ), reġa' daħal għal dmirijietu nhar l-4 ta' Marzu, 2013 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 167 tal-1 ta' Marzu, 2013 qed jiġu mħassrin.

It-8 ta' Marzu, 2013

Nru. 192

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 52 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Jannar, 2013, ngħarrfu b'din illi n-Nutar Gabrielle Lautier ġiet bi żball indikata bħala Gabrielle Cassar.

It-8 ta' Marzu 2013

No. 190

MOTOR VEHICLES REGISTRATION AND LICENSING ACT (CAP. 368)

Exemption From Motor Vehicles Registration Tax Rules (Legal Notice No. 196 of 2009)

IN exercise of the powers conferred by Regulation 10 of Legal Notice No. 196 of 2009 (SL 368.01), the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed the following individuals on the board that will consider requests for the exemption or relief of registration tax for individuals who transfer their residence to Malta:

Chairman
Mr Herald Bonnici

Members
Mr Joseph Croker
Mr Paul Mifsud

Secretary
Ms Chantelle Borg

Substitute Secretary
Ms Elaine Bugeja

These appointments are valid up to 31st March, 2013.

28th February, 2013

No. 191

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 4th March, 2013 and the arrangements referred to in Government Notice No. 167 of 1st March, 2013 are hereby being cancelled.

8th March, 2013

No. 192

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

WITH reference to Government Notice No. 52 published in the Government Gazette of the 18th January, 2013, it is hereby notified that Notary Gabrielle Lautier was erroneously indicated as Gabrielle Cassar.

8th March, 2013

Nru. 193

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 52 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Jannar, 2013, ngħarrfu b'din illi n-Nutar Charmaine Portelli ġiet bi żball indikata bħala Charmaine Debono.

It-8 ta' Marzu 2013

No. 193

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

WITH reference to Government Notice No. 52 published in the Government Gazette of the 18th January, 2013, it is hereby notified that Notary Charmaine Portelli was erroneously indicated as Charmaine Debono.

8th March, 2013

Nru. 194

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Gabrielle Lautier bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Pierre Attard, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-24 ta' Frar, 2013 sat-3 ta' Marzu, 2013.

Illum, 28 ta' Frar, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili

No. 194

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Gabrielle Lautier, to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Pierre Attard, during the latter's absence from these Islands from the 24th February, 2013 till the 3rd March, 2013.

This day, 28th February, 2013.

MARY JOSETTE MUSÙ
For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals

Nru. 195

WARRANT MILL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità
Is-Sur Joseph Borg
Is-Sur John Busuttil

B'Awtorità
Chris Said
Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja

Is-7 ta' Marzu, 2013
(MJDF/144/2013/1)

No. 195

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry for Health, the Elderly and Community Care
Mr Joseph Borg
Mr John Busuttil

By Authority
Chris Said
Minister for Justice, Dialogue and the Family

7th March, 2013

Nru. 196

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 196

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of article 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Licia Consiglia Cassar Richard	398392 (M)	292, Triq Santa Duminka, Żabbar
Jonathan Compagno	378177 (M)	141, Triq Ħaż-Żabbar, Żabbar
Theresa Bartolo	320663 (M)	23, "Jon Ther", Triq is-Sultana, Paola
Doris Pulo	682358 (M)	137, Triq Ħal Qormi (Torretta), Santa Venera

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

John Borg	434683 (M)	58, Square View, Flat 2, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
Norman Alfred Falzon	788050 (M)	Bramble Close, Flat 21, Triq Ġdida fi Triq l-Imsida, Santa Venera
Sandro Spiteri	452875 (M)	24, Triq il-Maskli, Ta' Xbiex
Geltrude Refalo	195867 (M)	Flat 1, Triq Dun Frans Camilleri, Binja 21 ta' Settembru 1964, Entratura B, San Ġwann
Joseph Bugeja	154474 (M)	208, Triq Santa Margerita, Siġġiewi
Wilma (Guglielma) k/a Winnie Ronayne	342265 (M)	9, Flat 2, Triq Wenzu Dyer, Birgu
Carmel k/a Charles Fenech	547162 (M)	5, "San Antonio", Triq Serafin M. Zarb, Żurrieq
Rose Anne Mifsud	8976 (M)	"Sta. Theresa", Triq il-Qrendi, Mqabba
Carmen Attard	85774 (M)	33, Aster Court, Flat 2, Triq Espedito Catania, Żabbar
Redeemer Bugeja	507294 (M)	4, "Ion", Flat 4, Triq il-Pellikani, Tarxien
Carlos Abdilla	364481 (M)	Flat 1, Triq Sant'Ursula, Bieb A, Valletta
Miriam Xuereb	494360 (M)	157, Triq il-Belt Valletta, Paola
Mark Henry Aquilina	129193 (M)	5, Triq l-Għajnuna, Valletta

Fabian Azzopardi	43194 (M)	Blokk 13, Flat 1, Triq il-Pitkali, Marsa
Joseph Ciantar	572157 (M)	"Il-Griek Residence", Flat 2B, Triq Ramon Perellos, San Pawl il-Baħar
Kevin Gatt	472479 (M)	5, "Taċ-Ċawla Court", Triq Ġużeppi Penza, Luqa
Cesare Maurizio Catanuto	77682 (A)	91, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar
Brian Giordmaina	302288 (M)	47, "Green View", Vjal il-Ħaddiem, Rabat
Renald Vella	479576 (M)	90, Triq il-Gross, Marsaskala
Raymond D'Emanuele	807352 (M)	21, "Mirabel", Flat 4, Triq l-Imħar, San Pawl il-Baħar
Marilyn Cutajar	335692 (M)	"St. Andrew", Flat 4, Triq il-Kanun, Qormi
Adel Abujubara	557312 (L)	"Waterline", Flat 12, Triq il-Qaliet, Marsaskala

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Marzu, 2013

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in article 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th March, 2013

Nru. 197

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċevejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
844	'Fair Oaks', Block A Triq l-Uqija, Swieqi.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/2/2013
845	3, 'Sunset Court', Triq F.M. Ferretti, Birżebbuġia.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/2/2013

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

It-8 ta' Marzu, 2013

No. 197

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

8th March, 2013

Nru. 198

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda, ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
08. 03. 13	€39.164	€0.737

It-8 ta' Marzu, 2013

No. 198

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

8th March, 2013

Nru. 199

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 06737/07
Post: Sit ġo Telestar Farm, Triq Valletta, Ħal Luqa.
Proposta: Estensjoni ta' garaxxijiet industrijali eżistenti koperti b' PA 6290/03 billi jiżdied in-numru ta' unitajiet minn 22 għall-41 u propost spazju tal-parkeġġ

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis- 7 ta' Mejju 2012 u aġġornat fit-3 ta' Diċembru 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-14 ta' Frar, 2013.

No. 199

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 06737/07
Location: Site at Telestar Farm, Triq Valletta, Ħal Luqa.
Proposal: Extension of existing industrial garages covered by PA 6290/03 by increasing the number of units from 22 to 41 and proposed parking space

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 7th May 2012 and updated on 3rd December 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 14th February, 2013.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, l-iskart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet mhux meqjusa bħala sinifikanti. Waqt l-operat, l-attivitajiet industrijali fuq is-sit mhumiex mistennija li jiġġeneraw ammonti sinifikanti ta' skart muniċipali. Kull skart perikoluż se jkun temporanjament maħżuna f'kontenituri xierqa mill-operaturi. Kull skart iġġenerat se jsegwi strateġija solida għall-ġestjoni tal-iskart u jistgħu jiġu mitigati suffiċjentement permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali li tkopri l-kumpless kollu.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. During operation, the industrial activities on site are not expected to generate significant amounts of municipal waste. Any hazardous waste will be temporarily stored in appropriate containers by the specific unit operators. Any waste generated will follow a solid waste management strategy and can be sufficiently mitigated through an environmental registration covering the entire complex.*

Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u li se jkun hemm xi ħruġ ta' Nitrogen Oxide (NOx) mill-inġenji u traffiku. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti m'hu mistenni dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, emissjonijiet iġġenerati jiddependu skont l-attivitajiet imwettqa f'kull garaxx industrijali. Il-proposta mhix mistennija li tiġġenera ammont konsiderevoli ta' traffiku waqt l-operat. Impatti oħra ġġenerati minn kull garaxx industrijali jista' jittaffa permezz tad-disinn xierqa, ġestjoni xierqa ta' skart u miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali.
Impact on air quality	*During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, depending on the activies carried out within each industrial garage, emissions may be generated. The proposal is not expected to generate a considerable amount of traffic during operation. Other impacts generated from each industrial garage can be sufficiently mitigated through proper design, adequate waste management and measures which could be managed through environmental registration.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Waqt il-fażi tal-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. Madankollu, kwalunkwe impatt jista' jittaffa b'mod suffiċjenti permezz ta' miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali.
Noise and vibrations	*Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. Furthermore, any impacts can be mitigated sufficiently through measures which could be managed by means of an environmental registration.*
Kwalità tal-ilma	Is-sit jaqa' f'Aquifer Protection Zone u madwar 150 metru minn Water Catchment Area. Il-proġett jista' jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz tar-rilaxx potenzjali ta' ilmijiet kontaminati, tnixxija u tixrid fl-ambjent tal-madwar u partikolarment fil-wied fil-viċin. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri operattivi għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn rilaxxi ta' inkwinanti għal fuq l-art, ilmijiet tal-wiċċ (inklużi ballottaġġ fil-wied) u taħt l-art.
Water Quality	*The site falls within an Aquifer Protection Zone and approximately 150 metres from a Water Catchment Area. The project may further increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated waters, leaks and spillages into the surrounding environment and particularly into the nearby valley. Therefore, appropriate design and operational measures should ensure that there are no risks of land or water contamination from releases of pollutants onto the ground, surface waters (including runoff into the valley) and groundwater.*
Impatti fuq il-wirt kulturali	Għalkemm is-sit jinstab viċin żona diġà żviluppata, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet.
Impact on cultural heritage	*Although the site is in the vicinity of an already developed zone, there is a possibility of archaeological remains being uncovered. Thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of on-site works.*
Impatt permezz ta' dawl	Emissjonijiet ta' dawl matul il-lejl mhux mistennija li jkollhom impatt partikolari meta mqabbla mas-sitwazzjoni li diġà eżistenti peress li l-faċilità proposta se tutilizza oqsma komuni eżistenti. Barra minn hekk, l-impatti potenzjali jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' *down lighters*, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal-livelli minimi.

Light pollution *Light emissions during night time will not present any particular impact over and above the current baseline situation given that the proposed facility will utilise existing common premises. Furthermore, any potential impacts may be reduced with the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-8 ta' Marzu, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

8th March, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 23

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-ipparkjar, passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd l-24 ta' Marzu, 2013 mill-4.30 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Repubblika.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Marzu, 2013

POLICE NOTICE

No. 23

In virtue of article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the parking, transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Sunday 24th March, 2013 from 4.30 p.m. onwards through Pjazza Repubblika.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

8th March, 2013

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 24

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi se jkun sospiż jew devjat fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Is-Sibt, 16 ta' Marzu, 2013, bejn is-6.30 p.m. u 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl (minn quddiem il-Knisja ta' Duna), Indrì Borg, Doni l-Qadima, Doni, Pjazza L'Isle Adam u San Ġużepp.

Il-Ħadd, 17 ta' Marzu, 2013, bejn is-6.30 a.m. u l-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam,

POLICE NOTICE

No. 24

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday, 16th March, 2013, between 6.30 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: San Pawl (from infront of Ta' Duna church), Indrì Borg, Doni l-Qadima, Doni, Pjazza L'Isle Adam and San Ġużepp.

On Sunday, 17th March, 2013, between 6.30 a.m. and 11.00 a.m. through the following streets: Santu Wistin,

Triq San Ġużepp, Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fi Triq San Pawl.

Il-Ħadd, 17 ta' Marzu, 2013, bejn is-6.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Bir l-Iljun, il-Mitħna, Doni l-Qadima, Flats tal-Gvern, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar it-Tnejn, it-18 ta' Marzu, 2013 bejn is-6.00 a.m. u 12.30 p.m. minn Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

It-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2013, bejn il-5.00 p.m. u 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Doni u San Pawl.

It-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2013, bejn is-5.45 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam, San Ġużepp, San Pawl (il-parti ta' quddiem ir-Restaurant Cosmana Navarra), il-Wesgħa tal-Mużew (quddiem il-Monument ta' San Ġużepp).

It-Tlieta, 19 ta' Marzu, 2013, bejn is-6.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Vjal Santu Wistin, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam, San Ġużepp u San Pawl.

It-Tlieta, 19 ta' Marzu, 2013, bejn il-11.00 a.m. u l-5.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Indrì Borg, Wesgħa tal-Mużew, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam u San Ġużepp.

It-Tlieta, 19 ta' Marzu, 2013, bejn l-4.00 p.m. u l-10.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza L' Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika, parti minn Pjazza Saqqajja u Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Marzu, 2013, bejn l-4.00 p.m. u t-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (mill-Bank of Valletta sar-Rio Café), San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin u l-Kbira.

F'każ ta' maltemp il-purċissjoni tiġi posposta għat-Tnejn, il-25 ta' Marzu 2013. Se jinżammu l-istess ħinijiet/rotta.

Nhar it-Tnejn, il-25 ta' Marzu, 2013, bejn l-4.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, San Pawl, il-Kbira, l-Isptar, San Franġisk, Ġorġ Borg Olivier, Konti Ruggieru, il-Kulleġġ u l-Pjazza tal-Parroċċa.

F'każ ta' maltemp il-purċissjoni tiġi postposta għat-Tlieta, is-26 ta' Marzu 2013. Se jinżammu l-istess ħinijiet/rotta.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Marzu 2013, bejn it-3.00 p.m. u l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam,

Pjazza L'Isle Adam, Triq San Ġużepp and Santa Marija ta' Ġesù church in Triq San Pawl.

On Sunday, 17th March, 2013, between 6.30 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Bir l-Iljun, il-Mitħna, Doni l-Qadima, Government apartments, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam and San Ġużepp.

On Monday, 18th March, 2013 between 6.00 a.m. and 12.30 p.m. through Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

On Monday, 18th March, 2013, between 5.00 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam, Doni and San Pawl.

On Monday, 18th March, 2013, between 5.45 p.m. and midnight through the following streets: Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam, San Ġużepp, San Pawl (from infront of Cosmana Navarra Restaurant), il-Wesgħa tal-Mużew (infron of St Joseph's statue).

On Tuesday, 19th March, 2013, between 6.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Vjal Santu Wistin, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam, San Ġużepp and San Pawl.

On Tuesday, 19th March, 2013, between 11.00 a.m. and 5.30 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Patrijiet, Bir l-Iljun, San Martin, Indrì Borg, Wesgħa tal-Mużew, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza L'Isle Adam and San Ġużepp.

On Tuesday, 19th March, 2013, between 4.00 p.m. and 10.15 p.m. through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza L' Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika part of Pjazza Saqqajja and il-Kbira.

On Friday, 22nd March 2013, between 4.00 p.m. and 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza l'Isle Adam, Pjazza Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Café), San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin and il-Kbira.

In case of bad weather procession will be postponed to Monday, 25th March, 2013. Same time/route will apply.

On Monday, 25th March, 2013, between 4.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: from Saint Mary of Jesus Church, San Pawl, il-Kbira, l-Isptar, San Franġisk, Ġorġ Borg Olivier, il-Konti Ruggieru, il-Kulleġġ and il-Pjazza tal-Parroċċa.

In case of bad weather procession will be postponed to Tuesday, 26th March, 2013. Same time/route will apply.

On Friday, 29th March, 2013, between 3.00 p.m. and 10.00 p.m. through the following streets: from Saint Mary of Jesus Church, San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam,

Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza Saqqajja, il-Kbira u San Pawl.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

L-Imdina

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Marzu 2013, bejn is-6.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Pawl, Villegaignon, Pjazza San Publiju u Bieb l-Imdina.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Marzu, 2013, fit-8.00 a.m., nofsinhar u s-7.30 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Marzu 2013, fit-8.00 a.m., nofsinhar u t-8.00 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Marzu 2013, fit-8.00 p.m. minn it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Marzu 2013, fit-8.00 a.m., nofsinhar u t-8.00 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Marzu 2013, fit-8.30 p.m. minn it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Marzu 2013, bejn it-8.00 a.m., nofsinhar, it-8.00 p.m. u d-9.30 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Marzu 2013, fit-8.00 p.m. u fid-9.30 p.m. it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Nhar it-Tnejn it-18 ta' Marzu, 2013, fit-8.30 a.m., 11.45 a.m., is-6.30 p.m. u d-9.30 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar it-Tnejn, it-18 ta' Marzu, 2013 fit-8.30 a.m., is-6.30 p.m. u d-9.30 p.m. minn it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Nhar it-Tnejn, id-19 ta' Marzu, 2013 bejn it-8.30 a.m., il-11.30 a.m. u s-7.00 p.m. mill-Imtarfa bypass mis-siti magħrufa bħala l-Marg u l-Istazzjon.

Nhar it-Tlieta, id-19 ta' Marzu, 2013 bejn is-6.30 p.m. u d-9.30 p.m. minn it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Marzu, 2013

Santu Wistin, Vjal Santu Wistin, il-Mużew, Pjazza Saqqajja, il-Kbira and San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are subject to be towed.

Mdina

On Wednesday, 13th March, 2013, between 6.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Pjazza San Pawl, Villegaignon, Pjazza San Publiju and Mdina Gate.

On Wednesday, 13th March, 2013 at 8.00 a.m., noon and 7.30 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Friday, 15th March, 2013 at 8.00 a.m., noon and 8.00 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Friday, 15th March 2013 at 8.00 p.m. through it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

On Saturday, 16th March 2013 at 8.00 a.m., noon and 8.00 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Saturday, 16th March 2013 at 8.30 p.m. through it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

On Sunday, 17th March, 2013 at 8.00 a.m., noon, 8.00 p.m. and 9.30 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Sunday, 17th March, 2013 at 8.00 p.m. and 9.30 p.m. through it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

On Monday, 18th March, 2013 at 8.30 a.m., 11.45 a.m., 6.30 p.m. and 9.30 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Monday, 18th March, 2013 at 8.30 a.m., 6.30 p.m. and 9.30 p.m. through it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

On Monday, 19th March, 2013 at 8.30 a.m., 11.30 a.m., and 7.00 p.m. through Mtarfa bypass from sites known as il-Marg and l-Istazzjon.

On Tuesday, 19th March 2013 between 6.30 p.m. and 9.30 p.m. through it-Tomba, Ġonna Howard, Triq l-Għarreqin, l-Imdina (il-Foss).

Vehicles found in contravention to this notice are subject to be towed.

8th March, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 5 tal-2013

Avveniment ta' Remote Control Sailing fil-Bajja tal-Mellieħa - 15 ta' Marzu 2013 sad-19 ta' Marzu 2013

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi l-Malta Model Boat Association (MMBA) se torganizza tlielaq ta' *remote control sailing* fil-Bajja tal-Mellieħa. It-tlielaq li jinkludu dgħajjes bil-qlugħ ta' tul ta' metru se jsiru 'l hinn mill-Mellieħa Bay Hotel bejn il-Ġimgħa, il-15 ta' Marzu, 2013 u t-Tlieta, id-19 ta' Marzu, 2013.

Dawn it-tlielaq se jsiru bejn id-9.00 a.m. u l-4.00 p.m. (ħin lokali) fil-ġranet kollha.

It-tlielaq se jsiru fl-inħawi magħżula għat-tlielaq bil-qlugħ murija fuq iċ-*chart* li tinsab fuq il-*website* ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt/).

Is-sidien tal-bastimenti kollha li mhumiex involuti direttament f'din ir-Regatta tal-Qlugħ huma mitluba biex iżommu 'l bogħod mill-inħawi tat-tlielaq u josservaw l-istruzzjonijiet li jistgħu jingħataw mis-*safety craft* tal-organizzaturi tal-avveniment u mill-Valletta Port Control (VTS).

Charts effettwati: BA 211A, 2538.

It-8 ta' Marzu, 2013

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 5 of 2013

Remote Control Sailing event in Mellieha Bay - 15 March 2013 to 19 March 2013

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Malta Model Boat Association (MMBA) will be organizing remote control sailing races in Mellieha Bay. The sailing races which will include 1 meter long sailing boats will be held off the Mellieħa Bay Hotel between Friday, 15th March, 2013 and Tuesday, 19th March 2013.

These races shall be held between 9.00 a.m. and 4.00 p.m. (local time) on all days.

The races will take place in the selected sailing area shown on the chart found on Transport Malta's website (http://www.transport.gov.mt/).

Masters of all craft not directly involved in this Sailing Regatta are requested to keep clear of the racing area and observe any instructions that may be given by the event organisers' safety craft and by Valletta Port Control (VTS).

Charts affected: BA 211A, 2538.

8th March, 2013

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 tal-2013

Il-West Cardinal Buoy f'Kemmunett Stabbilita mill-Ġdid

